# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 1 ta' Diċembru, 2021.**

**Numru 23**

**Rikors numru 644/14/1 GM**

**Michael Scerri u martu Elaine Scerri għal kull interess li jista' jkollha**

**v.**

**(1) Direttur Ġenerali tad-Dwana**
**(2) Kummissarju tat-Taxxi**

1. Dan huwa appell wara kawża mibdija mill-atturi appellanti ai termini tal-Artikolu 72 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta. L-attur Michael Scerri kien irritorna lura minn Dubai flimkien ma' sieħbu Disma Azzopardi b'sitt bagalji. Fl-Ajruport, Michael Scerri mar jiddikjara l-kontenut ta' tnejn minnhom, filwaqt illi Disma Azzopardi ħareġ mill-kamra waqt li kienet qed issir id-dikjarazzjoni fuq struzzjonijiet tal-Uffiċjal ta' Dwana Charles

Calleja. Scerri ma ġibidx l-attenzjoni ta' dan l-Uffiċjal tad-Dwana illi l-merkanzija kollha kienet tiegħu. Minflok ma mar jiddikjara l-kontenut tal-bagalji li kien qiegħed iġorr hu, Disma Azzopardi ħareġ mill-*Blue Channel* minn fejn għandhom jgħaddu biss persuni li ġejjin minn pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea. Azzopardi twaqqaf minn Uffiċjali ta' Dwana u rriżulta li fil-bagalji kien hemm diversi *mobile phones,* aċċessorji u nuċċalijiet tax-xemx, kif ukoll sitta u sittin (66) kartuna sigaretti, liema merkanzija kienet inxtrat kollha mill-Emirati Arab Magħquda. Din il-merkanzija, flimkien mal-merkanzija li kien qiegħed iġorr l-attur appellanti, ġiet maqbuda mill-Uffiċċju tad-Dwana permezz tan-nota ta' qbid numru 24/2014. L-atturi sussegwentement fetħu din il-kawża u premetew illi n-nuqqas ta' Disma Azzopardi li jiddikjara l-kontenut tal-bagalji tiegħu kien biss frott ta' żball għaliex ma kienx midħla tal-proċeduri doganali, u sotnew li għalhekk il-qbid tal-merkanzija mhuwiex legalment ġustifikat għaliex ma seħħ l-ebda ksur tal-Artikolu 61 (e) u (k) tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 17 (1) (a) u (d) tal-Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. F'dawn il-proċeduri huma talbu għalhekk lill-ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi ma jissussistix il-ksur allegat tad-disposizzjonijiet tal-artikli 60 (e) (k) tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-artikli 17(1)(a)u(d) tal-Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> 2. Tordna lill-intimati, jew min minnhom, jeħilsu u jirrilaxxjaw f'idejn ir-rikorrenti, mingħajr ebda garanzija, il-merkanzija tar-rikorrenti kif dettaljata fin-nota ta' qbid bin-numru 24/2014".

3. Id-Direttur Ġenerali (Dwana) eċċepixxa, *inter alia,* illi l-Kummissarju tat-Taxxi mhuwiex il-leġittimu kontradittur fir-rigward tal-azzjoni odjerna, illi l-attur kien obbligat li jiddikjara l-oġġetti fl-intier tagħhom qabel ma joħroġ mid-Dwana u li l-merkanzija kollha ġiet maqbuda għaliex dan kien tentattiv biex jiġu mportati oġġetti sdazjati u evażi t-taxxi u d-dazji dovuti a skapitu tal-errarju pubbliku u negozjanti onesti li jottemperaw ruħhom mal-liġi doganali, u li l-verżjoni mogħtija mill-attur fir-rikors promotur mhijiex verosimili għaliex il-merkanzija kollha tiegħu kienet ġo sitt bagalji filwaqt li hu ddikjara biss tnejn, u din id-dikjarazzjoni falza kienet tfisser li l-Gvern kien ser jitlef €17,487.83 f'taxxi doganali u taxxa fuq il-Valur Miżjud kieku l-importazzjoni llleċita` ma ġietx skoperta.

4. Bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-10 ta' Jannar 2019 ġie deċiż hekk:

> "Għal dawn il-motivi, l-Qorti qegħda tipprovdi dwar it-talbiet u dwar l-eċċezzjonijiet billi:
>
> 1. Tilqa' l-eċċezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi li mhux leġittimu kontradditur u tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju;
>
> 2. Tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż a kariku tal-atturi".

5. L-atturi preżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fit-30 ta' Jannar 2019 permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa' t-talba tagħhom kif tinstab fir-rikors promotur, in toto jew parzjalment skont il-każ, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

6. Id-Direttur Ġenerali (Dwana) u l-Kummissarju tat-Taxxi preżentaw ir-risposta tal-appell tagħhom fil-25 ta' Frar 2019 permezz ta' liema ssottomettew illi dan l-appell għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi.

**Ikkonsidrat;**

**It-Tielet Aggravju**

7. Peress illi t-tielet aggravju jitratta d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti li l-Kummissarju tat-Taxxi mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'din l-azzjoni, il-Qorti tqis li jkun utli li dan l-aggravju jiġi trattat qabel l-aggravji fil-mertu. L-atturi jargumentaw illi l-Att taħt liema saru dawn il-proċeduri, u ċioe` l-Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta, jistabbilixxi bħala responsabbli lill-Kummissarju fl-Artikolu 29. Ikomplu illi l-Artikolu 72, li joħloq dawn il-proċeduri, ipoġġi lill-Kummissarju kif imfisser fl-Artikolu 2 bħala l-leġittimu kontradittur. Isostnu li huma m'għandhomx kontroll dwar meta u kif il-Kummissarju jista' jiddelega l-funzjonijiet tiegħu, u jżidu li fil-fatt l-ittra interpellatorja mibgħuta minnhom ma ġietx imwieġba u għalhekk ħadd ma ndika lilhom li kienet saret xi sostituzzjoni jew delega ta' funzjonijiet.

8. L-appellat jirribatti illi jirriżulta ċar li f'materja li tikkonċerna d-Dwana l-Kummisarju tat-Taxxi ddelega l-poteri u l-funzjonijiet tiegħu lid-Direttur

Ġenerali (Dwana) liema delega kienet fil-fatt ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fl-20 ta' Lulju 2012.

9. L-ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet dwar dan il-punt:

> "Illi ġie eċċepit illi l-Kummissarju tat-Taxxi mhuwiex il-leġittimu kontradittur fir-rigward tal-azzjoni odjerna skont l-Artikolu 181B tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Kummissarju tat-Taxxi, abbażi tal-Artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi (Kap 517), iddelega, permezz ta' Government Notice 7661 fil-Gazzetta tal-Gvern tal-20 ta' Lulju 2012 il-poteri u l-funzjonijiet tiegħu, "inkluża r-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tal-Gvern mogħtija lilu mis-subartikolu (5) tal-artikolu (3) tal-Imsemmi Att" lid-Direttur Generali (Dwana) dak li għandu x'jaqsam mad-"drittijiet taħt l-Ordinanza tad-Dwana, l-Att dwar id-Dazji tal-Importazzjoni, l-Att dwar Dazju tas-Sisa, u kull regolament magħmul taħthom". Kjarament din l-eċċezzjoni jistħoqqilha tintlaqa';"

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

10. Il-Qorti tqis illi l-ewwel Qorti kienet korretta meta kkonkludiet illi l-Kummissarju tat-Taxxi mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'din l-azzjoni. Kemm l-Att Dwar il-Kummissarju tat-Taxxa u kif ukoll l-Ordinanza tad-Dwana jindikaw illi l-Kummissarju tat-Taxxa jista' jiddelega l-poteri u l-funzjonijiet tiegħu. Din id-delega fil-fatt saret fir-rigward tal-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-Ordinanza tad-Dwana, u ġiet notifikata lill-pubbliku permezz ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern. Għaldaqstant l-ewwel Qorti kienet korretta meta qieset li l-Kummissarju tat-Taxxi mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'din l-azzjoni ġaladarba huwa ddelega l-poteri u l-

funzjonijiet tiegħu fir-rigward ta' dak kollu li għandu x'jaqsam mal-Ordinanza tad-Dwana lid-Direttur konvenut.

11. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**L-Ewwel Aggravju**

12. Permezz ta' dan l-aggravju l-atturi jilmentaw li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi. L-atturi jargumentaw illi kieku l-ewwel Qorti qieset il-fatti kollha, inkluż dawk li jmorru kontra l-konklużjoni finali, l-eżitu kien ikun differenti, u jilmentaw dwar il-fatt illi hemm "ħafna dikjarazzjonijiet kemxejn azzardati, it-tip ta' *"bla dubbju*", *"mhux kredibbli*", etc, bla ma ġew sustanzjati minn fatti u minn qbil tal-provi." Jgħidu li mill-provi jirriżulta li għalkemm il-merkanzija kienet maqsuma bejn il-bagalji li kellu hu u dawk li kellu Disma Azzopardi, id-dokumenti kollha kienu fil-bagalja tiegħu u għalhekk mhuwiex verosimili li kien hemm xi tip ta' komplott biex tiġi evaża t-taxxa. Jgħidu li huwa wkoll inverosimili li Disma Azzopardi kien ser jammetti mill-ewwel li kien ġej minn Dubai meta ġie avviċinat mill-Uffiċjali tad-Dwana, u li Disma Azzopardi kien konsistenti fil-verżjoni tiegħu u mill-ewwel qal li kienu qalulu biex joħroġ minn hemm. Jgħidu li peress li dak il-ħin ma kien hemm l-ebda titjira ġejja minn xi pajjiż tal-Unjoni Ewropea, min verament ried jevadi l-liġi ma kienx jgħaddi mic-*channel* il-blu, iżda kien jgħaddi mic-*channel* l-aħdar flimkien mal-ħafna

nies li kienu ġejjin minn fuq l-istess titjira, biex jattira anqas attenzjoni. Iżidu wkoll illi jekk verament riedu li jevadu t-taxxa, Disma Azzopardi ma kienx jidħol flimkien ma' Michael Scerri biex jagħmel id-debita dikjarazzjoni. Jgħidu li sabiex jiġri dak li jallegaw il-konvenuti huma kellhom jagħmlu kalkolu eżatt ta' liema fizzjal kien ser ikun qiegħed xogħol, eżattament fejn ser ikun stazzjonat u ħafna fatturi oħra, u li għalhekk huwa inverosimili li xi ħadd bi pjan daqstant metikoluż kien ser iħalli d-dokumenti kollha tal-merkanzija li jrid jaħbi fil-bagalja li ddikjara. Isostnu li x-xhieda tal-Uffiċjali Attard Biancardi tul il-kawża ma taqbilx ma' dak li qal lill-Pulizija *a tempo vergine.* Jgħidu li Azzopardi kien għadu ma ħariġx barra meta waqqfu Attard Biancardi u li għalhekk effettivament kien għadu m'għadhiex iż-żmien meta seta' jagħmel id-dikjarazzjoni, li inoltre Attard Biancardi ma semmiex li Azzopardi kien qallu li kien qiegħed iffittex lil xi ħadd biex jiddikjara l-merkanzija. Jgħidu wkoll li mhux verosimili li ma kienx hemm intenzjoni li jiġi ddikjarat kollox mal-Uffiċjal Calleja, għaliex li kieku ma kinux ser jieħdu l-iżbriga li jħottu l-bagalji kollha minn fuq it-*trolley.* Jargumentaw li kien inġust li l-ewwel Qorti ma kkonsidratx il-fatt li l-Uffiċjal Calleja xehed li kienet proċedura normali li persuna tingħata struzzjonijiet biex tfittex uffiċjal ieħor meta jkollha ħafna merkanzija x'tiddikjara. Iżidu li l-ewwel Qorti naqset li tqis li t-*tags* tal-bagalji kienu nqabdu mal-plastik li kien imdawwar mal-bagalji u għalhekk kellhom jitneħħew kif kellu jitneħħa l-plastik, u wkoll ma ħaditx qies ta'

kemm kien ġenwin Disma Azzopardi kkonsidrat li kien hu stess li talab li jiġi preservat ic-CCTV *footage* ta' dakinhar.

13. L-appellat jirribatti illi l-ewwel Qorti mmotivat id-deċiżjoni tagħha billi straħet fuq disa' ndizji qawwija ta' tentattiv konxju u deliberat sabiex jiġu evitati t-taxxi u tariffi doganali. Jargumenta li meta ssir dikjarazzjoni doganali l-importatur jiddikjara l-bagalji kollha kontenenti l-merkanzija bil-għan li ssir dikjarazzjoni ntiera, u mhux b'xi mod spezzettat kif qed jipprovaw jinsinwaw l-appellanti. Isostni li l-importatur ikun diġa` kkommetta ruħu għal dik id-dikjarazzjoni u għalhekk l-aġir ta' Michael Scerri u Disma Azzopardi mhuwiex ġustifikabbli meta tqis li Scerri kien iddikjara biss tnejn mis-sitt bagalji tiegħu. Jargumenta li mill-provi jirriżulta li Michael Scerri u Disma Azzopardi kienu għamlu dan it-tip ta' vjaġġ flimkien minn Dubai diversi drabi u għalhekk kienu midħla tal-proċeduri doganali. Jagħmel referenza għall-Artikolu 18A tal-Kapitolu 337 tal-Liġijiet ta' Malta, illum ripropost taħt l-Artikolu 61A tal-Kapitolu 37 skont liema l-Qorti m'għandhiex tieħu in konsiderazzjoni xi dikjarazzjoni bil-fomm jew bil-miktub magħmula biex tikkoreġi xi dettall materjali fid-dikjarazzjoni li tkun saret meta din issir meta jkun ser jinkixef ir-reat. Fir-rigward tad-dokumentazzjoni li għaliha jirreferu l-appellanti jsostni illi dawn id-dokumenti kienu jiddikjaraw valuri ferm anqas mill-fatturi oriġinali li nstabu wkoll mifruxin f'diversi bagalji, u li ġew skoperti għaliex l-Uffiċjal Attard Biancardi sfratta l-pjan ta' Scerri. Fir-rigward tal-argument tal-appellanti li Disma Azzopardi kien għadu ma ħariġx mic-*channel* blu

jargumenta illi dan kien biss għaliex laħaq inqabad mill-Uffiċjal Attard Biancardi meta dan rah jaġixxi b'mod irregolari billi ħareġ mill-*blue channel* b'erba' bagalji mingħajr provenjenza viżibbli. B'referenza għall-argument tal-appellanti li kien jagħmel aktar sens għal Azzopardi li joħroġ mill-*green channel* biex ma jiġbidx attenzjoni, jgħid illi Azzopardi kien jiġbed attenzjoni xorta waħda kkonsidrat li kien ħiereġ b'erba' bagalji meta l-maġġor parti tan-nies ikunu ħerġin b'bagalja waħda jew forsi tnejn. Jgħidu li dak il-ħin meta kienet qed issir id-dikjarazzjoni minn Michael Scerri ma kien hemm l-ebda *back log* ta' nies li kellhom jagħmlu dikjarazzjoni u għalhekk ma jagħmel l-ebda sens l-argument tal-appellanti li Disma Azzopardi ntbagħat ifittex Uffiċjal ieħor minħabba li kien hemm *back log* ta' nies. Dwar l-argument li t-*tags* tal-bagalji tneħħew meta tneħħa l-plastik isostnu li dan l-argument huwa kontradett mix-xhieda ta' Anne Marie Xuereb fis-sens li t-tags kienu mwaħħlin mal-*handles* tal-bagalji, u li mill-filmat li ġie preżentat jirriżulta li Scerri u Azzopardi deliberatament neħħew it-*tags* huma stess. Jargumenta li x-xhieda tal-Uffiċjali li tressqu minnu qatt ma ġiet skreditata tul il-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti, filwaqt illi Scerri sejjes il-każ tiegħu purament fuq spekulazzjonijiet gratwiti li ma jsibu l-ebda konfort mill-provi prodotti in atti.

14. L-ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi l-atturi jibnu l-premessi tagħhom fuq allegat malintiż; kif ukoll li s-sigaretti li kien hemm fost il-merkanzija l-oħra kienu għall-konsum tal-

familja tagħhom. |Dan billi d-disposizzjonijet tal-Art. 60(k) tal-Kap. 37 u l-Art. 17(1)(a) u (d) tal-Kapitlu 382 jiskattaw biss jekk l-evażjoni jew attentat ta' evażjoni tat-taxxa tal-importazzju u/jew sisa tkun magħmula xjentement u b'mod frawdolenti;

Illi l-Qorti wara li eżaminat bir-reqqa l-provi inklużi d-dokumenti esebiti u x-xhieda mogħtija minn kull persuna li xehdet f'dawn il-proċeduri issib din il-verżjoni inverosimili għal kollox, għaliex il-provi huma mimlijin b'indizji qawwija ta' attentat konxju u deliberat biex jiġu evitati t-taxxi u tariffi doganali; ewlenin fosthom:

i) mhux kredibbli li Charles Calleja talab lill-Azzopardi biex ma jibqax mal-attur (li kellu 2 bagalji) għall-fini ta' privatezza, meta l-merkanzija li kien qed iġorr Azzopardi (4 bagalji) kienet tal-istess Calleja

ii) l-attur għażel li ma jinfurmax lill-uffiċjal tad-dwana li kellu aktar merkanzija x'jiddikjara – li kienet fil-pussess ta' Disma Azzopardi - minkejja li kellu d-dmir li jiddikjara l-merkanzija kollha u mhux biċċa biċċa

iii) Azzopardi għadda mill-blue channel fejn huma biss persuni li m'għandhomx merkanzija dazjabbli x'jiddikjaraw illi jgħaddu minnu. Azzopardi kien isiefer regolarment mal-attur u bla dubbju m'għaddiex minn hemm b'xi żvista

iv) mistoqsi kif is-sitt bagalji ma kellhomx luggage tags, Azzopardi wieġeb li forsi kienu nqalgħu meta, għall-kuntrarju, fil-filmat tac-CCTV jidher biċ-ċar illi dawn qalgħuhom hu u l-attur

v) meta l-istess Azzopardi twaqqaf mill-uffiċjal Lino Attard Biancardi ma ddikjarax illi kien qed ifittex uffiċjal biex jiddikjara l-merkanzija u kien biss meta ġie mistoqsi x'għandu fil-bagalji illi wieġeb li kellu xi mobile phones u aċċessorji u anke hawn naqas li jiddikjara illi kellu wkoll is-sigaretti

vi) ġew misjuba żewġ verżjonijiet ta' fatturi b'valutazzjoni differenti, waħda fil-pussess tal-attur u oħra għand Disma Azzopardi. Filfatt Mario Abela li jokkupa l-kariga ta' prinċipal tad-dwana fis-sezzjoni tal-valutazzjoni għamel valutazzjoni tal-mobile phones u aċċessorji tagħhom flimkien ma' pakketti tas-sigaretti li kienu ddaħlu Malta minn l-attur u sieħbu u meta ipparaguna "is-sett ta' fatturi oriġinali ta' Michael Scerri għall-iskop ta' valutazzjoni ma xi fotokopji ta' fatturi misjuba għand Disma Azzopardi, kien jidher li l-valuri ta' kull mobile phone partikolari kif jidher fuq il-fotokopji tal-fatturi li kienu għand Disma Azzopardi, datati tnax (12) ta' Jannar, 2014 u bil-marka tal-kumpanija estera Celltel, kienu svalutati bejn wieħed u ieħor għaxar darbiet inqas meta pparagunati mudell b'mudell fuq il-fatturi datati tnax (12) ta' Jannar 2014 ukoll bil-marka tal-istess kumpanija estera Celltell, li kienu għand Michael Scerri." Wieħed iħallas id-dazju ta' mportazzjoni u t-taxxa fuq il-valur miżjud abbażi tal-ammont fatturat – ċjoe` l-valur li jkun

indikat fuq l-invoices tal-merkanzija u aktar ma jkun baxx il-prezz ta' fuq il-fattura aktar se jkun baxx l-ammont ta' taxxa li trid titħallas fuq il-merkanzija impurtata. L-attur kien a corrente ta' din l-informazzjoni kif ħareġ mill-kontro-eżami tiegħu stess.

vii) il-fatturi kienu ta' valur anqas mill-prezz veru u korrett tal-merkanzija

viii) irriżulta mill-investigazzjoni tal-Pulizija illi l-attur kien mar f'erba' okkażjonijiet preċedenti Dubai u fl-ebda okkażjoni ma ddikjara xi ħaġa u li kull meta l-attur ikun dieħel lura Malta minn Dubai dejjem ikun xogħol l-istess uffiċjal tad-dwana u ċjoe` Charles Calleja li ġie miżmum bħala suspettat mill-Pulizija

ix) irriżulta ukoll mill-investigazzjoni tal-Pulizija illi Charles Calleja instema' jgħid lill-attur sabiex dakinhar jinsa kollox. Mistoqsi f'liema kuntest qallu hekk – u dan a tempo vergine mill-uffiċjal investigattiv tal-pulizija – kien evażiv għall-aħħar u wieġeb li ma jiftakarx;

Illi f'dan il-każ, l-atturi ma rnexxilhomx jippruvaw li ma jirriżultax ksur ta' dak ikkontemplat fl-Art. 60(k) tal-Kap. 37 u l-Art. 17(1)(a) u (d). Anzi, għall-kuntrarju jirriżulta li kien hemm attentat biex oġġetti jkunu mportati minn mill-attur li kien xjentement imdaħħal f'evażjoni jew tentattiv ta' evażjoni frawdolenti ta' xi dazji taddwana, u ta' sisa. L-atturipprova, litteralment, jimxi mal-proverbju li jagħmilha tal-ħmar biex ma jħallasx dwana!"

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

15. Wara li fliet l-atti kollha tal-kawża, il-Qorti tqis illi l-konklużjoni tal-ewwel Qorti hija korretta u raġonevoli, u ma tirriżulta l-ebda raġuni għalfejn għandha tiġi varjata.

16. Il-Qorti tibda billi tirrileva illi mill-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti jirriżulta illi l-*mobile phones* fil-bagalji ta' Michael Scerri kienu ġew sottovalutati sostanzjalment fid-dokumentazzjoni illi huwa ssottometta lill-Uffiċjali ta' Dwana. Fil-fatt, meta sar paragun bejn id-dokumentazzjoni li

kellu Disma Azzopardi[1] mal-*invoices* li nstabu fil-bagalji rriżulta li dawn il-*mobile phones* kienu ġew sottovalutati xi għaxar darbiet anqas. Għalkemm fix-xhieda tiegħu Michael Scerri jipprova jispjega din id-diskrepanza billi jgħid illi d-diskrepanza hija dovuta għall-fatt li kien biegħ parti mill-*mobile phones* f'Dubai stess u rċieva *commission* fuq dan il-bejgħ, jirriżulta illi ż-żewġ settijiet ta' dokumentazzjoni kienu jindikaw eżatt l-istess dettalji ħlief għall-valur tal-*mobile phones.* Huwa inverosimili għalhekk illi d-diskrepanza kienet dovuta għall-fatt illi Scerri kien biegħ xi *mobile phones* f'Dubai ġaladarba l-invoices li kellu Azzopardi u dawk li nstabu fil-bagalji kienu jindikaw l-istess kwantita ta' *mobile phones* u l-kwantita ndikata fihom kienet tikkorrispondi perfettament mal-*mobiles phones* li nstabu fil-bagalji ta' Michael Scerri. Dan il-fatt waħdu huwa diġa` biżżejjed biex jissussisti l-ksur tal-liġi kkontemplata fl-Artikolu 60(1)(k), ġaladarba s-sottovalutazzjoni tal-merkanzija mportata hija minnha nnifsha tentattiv ta' evażjoni frawdolenti tad-dazji tad-dwana, u biex jiġġustifika l-konfiska tal-merkanzija kollha, ai termini tal-Artikolu 61 (1) (ii).

17. Fir-rigward tat-teżi tal-appellanti illi dan huwa kollu frott ta' malintiż, il-Qorti tosserva illi mix-xhieda tal-Ispettur Anne Marie Xuereb jirriżulta li fil-fatt dan kien l-ewwel ħsieb tal-pulizija, iżda wara l-investigazzjoni li saret irriżulta li dan ma kien malintiż xejn iżda tentattiv premeditat biex

[1] Dokumentazzjoni li Michael Scerri *ex admissis* qal li kien ta lil Disma Azzopardi sabiex jissottomettiha lill-Uffiċjali tad-Dwana.

jiġu evażi t-taxxi dovuti, wara li eżaminaw il-*footage* tac-CCTV *cameras* tal-*airport.* Minn eżami ta' dan il-*footage* jirriżulta li għalkemm l-appellant jgħid li l-*luggage tags* inqalgħu għaliex kienu mwaħħlin mal-*plastic wrapping* tal-bagalji, fil-verita` l-appellant stess kien deliberatament qala' dawn it-*tags,* li fi kwalunkwe każ ma kinux imwaħħlin mal-plastik, għaliex kienu mal-*handles* tal-bagalji. Dawn it-tags għandhom kuluri differenti skont jekk il-persuna tkunx ġejja minn pajjiż ġewwa l-Unjoni Ewropea jew le, u għalhekk dan diġa` huwa ndizju ċar li Scerri neħħa dawn it-tags bl-iskop li l-bagalji ma jkunux jingħarfu bħala provenjenti minn pajjiż barra mill-Unjoni Ewropea. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva wkoll illi a kuntrarju ta' dak argumentat mill-appellanti fl-aggravju tagħhom, Disma Azzopardi żgur kien ser jattira attenzjoni kieku għadda mic-*channel* l-aħdar minn fejn kellu jgħaddi, ikkonsidrat li kien għaddej b'erba' bagalji, li żgur kienu ser jattiraw l-attenzjoni tal-Uffiċjali tad-Dwana li għandhom jiġu spezzjonati.

18. Inoltre l-Qorti tosserva li minn dan il-*footage* jirriżulta illi l-appellant ħareġ darbtejn mill-kamra fejn kellu jagħmel id-dikjarazzjoni ma' Charles Calleja sabiex jagħti basket żgħir lil Azzopardi kull darba, li mill-provi l-Qorti tifhem li kienu l-basktijiet li kellhom fihom is-sigaretti sdazjati mixtrija mill-appellant. Dan ikompli jsaħħaħ il-fehma tal-Qorti li l-appellant kien qiegħed jipprova jevadi milli jħallas it-taxxa dovuta fuq il-maġġior parti tal-merkanzija mportata minnu, ikkonsidrat li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn ħareġ dawn iż-żewġ basktijiet mill-kamra u tahom lil Disma Azzopardi

meta suppost kien qiegħed jiddikjarahom mal-Uffiċjal Calleja. Il-Qorti tosserva fil-fatt li mill-provi kollha prodotti jirriżulta li la Michael Scerri u lanqas Disma Azzopardi ma qatt qalu lill-uffiċjali li parti mill-merkanzija kienet tikkonsisti f'sigaretti sdazjati u l-Uffiċjali ta' Dwana saru jafu b'dawn is-sigaretti biss minħabba t-tfittxija li għamlu.

19. L-appellanti jilmentaw illi kien inġust li l-ewwel Qorti ma kkonsidratx il-fatt li l-Uffiċjal Calleja xehed li kienet proċedura normali li persuna tingħata struzzjonijiet biex tfittex uffiċjal ieħor meta jkollha ħafna merkanzija x'tiddikjara. Dan l-argument pero` m'huwa bl-ebda mod sorrett mill-provi. L-Uffiċjal Charles Calleja xehed illi f'dan il-każ partikolari huwa kien talab lil Michael Scerri jew Disma Azzopardi sabiex joħorġu għaliex ħaseb li kellhom merkanzija x'jiddikjaraw kull wieħed u għalhekk talab lil xi ħadd minnhom sabiex joħroġ mill-kamra għall-finijiet ta' privatezza. Fil-fatt jirriżulta li dakinhar ma kien hemm l-ebda *backlog* biex isiru dikjarazzjonijiet ta' dwana. Għalhekk l-ewwel Qorti għamlet sew meta ma ħaditx din il-parti tax-xhieda ta' Charles Calleja in konsiderazzjoni ġaladarba mhijiex relevanti għaċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ.

20. Għalkemm l-appellanti jargumentaw illi l-problema kollha nqalgħat għaliex Disma Azzopardi mhuwiex intiż tal-proċeduri ta' dwana, jirriżulta li din ma kinitx l-ewwel darba li Azzopardi kien mar Dubai mal-appellant.

Barra minn hekk, għalkemm l-ewwel darba li xehed quddiem l-ewwel Qorti l-appellant qal li din kienet it-tieni darba li mar Dubai, meta reġa' xehed quddiem il-Qorti qal illi ilu jmur Dubai biex jimporta merkanzija mill-2003, u jmur darbtejn f'sena. Għalhekk huwa ndubitat li Michael Scerri kien midħla sew tal-proċeduri ta' dwana. Minn dan isegwi li Michael Scerri kellu jkun jaf li ġaladarba l-bagalji kollha kienu mimlija b'merkanzija tiegħu huwa kien obbligat li jiddikjara kollox. Pero`, huwa fl-ebda ħin ma qal lill-Uffiċjal ta' Dwana Charles Calleja illi l-merkanzija kienet kollha tiegħu meta Calleja talab lil xi ħadd minnhom biex joħroġ mill-kamra. B'hekk l-appellant iddikjara u ffirma illi l-merkanzija mportata minnu kienet tikkonsisti f'"*Two pcs luggage said to contain mobile phones*" u kien biss meta Disma Azzopardi twaqqaf mill-Uffiċjal Lino Attard Biancardi li l-appellant qal li l-merkanzija li kienet f'idejn Disma Azzopardi kienet ukoll tiegħu.

21. Il-Qorti tqis għalhekk li hu korrett id-Direttur appellat meta jargumenta li l-Qorti m'għandhiex tieħu in konsiderazzjoni xi dikjarazzjoni bil-fomm jew bil-miktub magħmula biex tikkoreġi xi dettall materjali fid-dikjarazzjoni li tkun saret meta din issir meta jkun ser jinkixef ir-reat, u dan ai termini tal-Artikolu 61A tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellant ikkommetta ruħu skont id-dikjarazzjoni magħmula u ffirmata minnu quddiem Charles Calleja u għalhekk il-liġi ma tippermettix illi jagħmel

korrezzjonijiet f'dik id-dikjarazzjoni frawdolenta sempliċiment għaliex kien ser jinkixef ir-reat.

**It-Tieni Aggravju**

22. L-appellati jilmentaw illi l-ewwel Qorti ma kkonsidratx il-fatt li dwar tal-anqas parti mill-merkanzija ma kien hemm l-ebda allegazzjoni ta' xi tentattiv ta' evażjoni ta' taxxa ta' dwana u li l-ewwel Qorti kellha tilqa' t-talbiet tagħhom imqar dwar dik il-parti. Jargumentaw illi Michael Scerri ddikjara l-parti mill-merkanzija li kien hemm f'idejh minn jeddu, iżda l-Qorti ma tat l-ebda konsiderazzjoni lill-fatt illi dwar din il-parti mill-merkanzija lanqas allegazzjoni ta' tentattiv ta' ksur ta' liġi ma hemm. Skont l-appellanti l-fatt li m'hemm l-ebda allegazzjoni ta' tentattiv ta' evażjoni tat-taxxa tad-dwana fir-rigward ta' din il-parti tal-merkanzija jfisser li t-talbiet attriċi kellhom jiġu milqugħa almenu fir-rigward ta' dawn l-oġġetti, għaliex jekk le hemm il-periklu li jinħolqu problemi u implikazzjonijiet serji, anke ta' natura kostituzzjonali.

23. L-appellat jargumenta illi huwa verosimili mill-provi prodotti li Scerri u Azzopardi ħadu ċans li jiddikjaraw parti żgħira mill-merkanzija biex isservi ta' kopertura għall-parti l-kbira li ttentaw joħorġu klandestinament, li kieku ma kienx għall-intervent tempestiv tal-Uffiċjal Attard Biancardi. Isostni li ġaladarba l-merkanzija kienet kollha tappartjeni lil Michael Scerri

huwa kellu d-dover li jiddikjaraha fl-intier tagħha u li jaċċerta ruħu mill-korrettezza tad-dikjarazzjoni sottomessa lill-Uffiċjali Charles Calleja. Jargumenta li ġaladarba huwa fatt inkontestat li l-merkanzija kienet kollha ta' Michael Scerri, tali merkanzija li kienet konsenja waħda ma setgħatx tinqasam f'porzjonijiet kif ifettilu l-importatur.

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

24. Il-Qorti tirrileva illi l-argument magħmul mill-appellanti f'dan l-aggravju ma tqajjimx minnhom quddiem l-ewwel Qorti. Fil-fatt minn qari tan-nota ta' sottomissjonijiet preżentata mill-atturi quddiem l-ewwel Qorti jirriżulta li lanqas biss sar aċċenn għalih. Għalhekk mhuwiex permissibbli għalihom li issa jressqu dan l-argument bħala aggravju fl-appell tagħhom, għaliex *noviter deductus* mhuwiex permess fl-istadju tal-appell. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Francis Mamo et v. Direttur tal-Artijiet et** (Kost., 30/09/2016) "…huwa *ormai* pacifiku illi jkun sovverzjoni tad-dritt kieku jigi permess li Qorti ta' reviżjoni teżamina kwistjoni sollevata *noviter deductus* fir-rikors tal-appell.

25. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti tqis illi dan l-argument huwa manifestament infondat. L-appellanti huma żbaljati meta jgħidu li fuq il-parti tal-merkanzija li ġiet iddikjarata minn Michael Scerri lanqas hemm allegazzjoni ta' evażjoni. Kif diġa` ntqal aktar 'il fuq Michael Scerri kien

issottometta dokumentazzjoni fir-rigward tal-merkanzija ddikjarata li kienet tindika valur ferm aktar baxx mill-valur reali ta' dik il-merkanzija. Dan huwa diġa` biżżejjed biex jissussisti l-ksur tal-liġi addebitat lilu, irrispettivament mill-fatt illi din il-merkanzija kienet ġiet iddikjarata. Għaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-atturi u tikkonferma s-sentenza appellata *in toto,* u peress li tqis dan l-appell bħala frivolu u vessatorju tikkundanna lill-istess atturi appellanti għall-ħlas ta' spejjeż doppji.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm